MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 12/2004/1

**A & J Hili ta' Miema Ltd.**

**v.**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (fil-kompetenza Kostituzzjonali u

Konvenzjonali taghha) fl-14 ta' Ottubru, 2004 li permezz taghha dik il-Qorti, b'applikazzjoni tal-*proviso* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tad-disposizzjoni analoga tal-Kap. 319, iddeklinat milli tezercita s-setghat taghha taht l-Artikoli 36(1) u 4(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319 rispettivament peress li *"s-socjeta` rikorrenti kellha rimedju alternattiv u effettiv a disposizzjoni taghha"*.

2. Fir-rikors promotur taghha tal-14 ta' April, 2004 is-socjeta` A & J Hili ta' Miema Ltd. (aktar 'l quddiem "is-socjeta`" u "is-socjeta` appellanti") allegat li <u>quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud</u> ("il-Bord") f'kaz fejn hija kienet intavolat appell minn stima maghmula mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, hija (cioe` s-socjeta`) ma kelliex smigh xieraq u imparzjali, u li ghalhekk kien hemm vjolazzjoni fil-konfront taghha tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem; konsegwentement is-socjeta` talbet li jigu dikjarati nulli u bla effett *"il-proceduri fi stadju ta' appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u d-decizjoni tal-4 ta' Novembru 1999 moghtija mill-istess Bord ta' l-Appelli"*; kif ukoll talbet *"li jinghataw dawk ir-rimedji li fil-gudizzju savju u suprem taghha jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi"*.

3. Fir-risposta tieghu, l-intimat Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ("il-Kummissarju"), apparti li qal li l-Artikoli 39 u 6 aktar 'l fuq msemmija ma kienux japplikaw ghall-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Appelli, u li fi kwalunkwe kaz is-socjeta` kienet inghatat smigh xieraq u imparzjali fil-proceduri quddiem il-Bord, eccepixxa in linea preliminari li peress li s-socjeta` kellha mezz ta' rimedju xieraq ghall-ilment taghha – konsistenti f'appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell – liema rimedju xieraq hija naqset milli tuzah kif suppost peress li ma ghamlitx appell validu, *"dawn il-proceduri ma jistghux jintuzaw bhala mod kif jigi rimedjat in-nuqqas fl-esercizzju tad-dritt ta' appell b'mod illi, kif qed isir, tintalab ripetizzjoni tal-proceduri tal-appell tramite l-abbuz tal-procedura kostituzzjonali u tal-Kap. 319"*.

4. Fl-udjenza tad-9 ta' Gunju, 2004 quddiem l-ewwel Qorti, it-trattazzjoni kienet limitata ghall-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju, u cioe` li s-socjeta` kellha mezz xieraq

ta’ rimedju, u l-ewwel Qorti halliet il-kawza ghad-decizjoni ghall-14 ta’ Ottubru, 2004.

5. Fis-sentenza taghha tal-14 ta’ Ottubru, 2004 il-Prim Awla, wara li osservat li verament is-socjeta` kellha mezz xieraq ta’ rimedju (ghall-ilmenti taghha ta’ nuqqas ta’ smigh xieraq quddiem il-Bord) konsistenti f’appell quddiem il-Qorti ta’ l-Appell, u li s-socjeta` fil-fatt appellat izda l-appell gie dikjarat null minn dik il-Qorti, iddeklinat milli tezercita s-setghat taghha kif aktar ‘l fuq indikat f’din is-sentenza. Il-parti relevanti tal-motivazzjoni ta’ l-ewwel Qorti hija s-segwenti:

**F’dan il-kaz, is-socjeta’ rikorrenti kellha opportunita’ moghti lilha bil-ligi biex tressaq l-ilmenti taghha quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell, u fil-fatt, kienet uzufruwit minn dak ir-rimedju moghti lilha, izda b’nuqqas taghha u/jew tal-konsulenti taghha, dak l-appell gie dikjarat irritu u null. Kif intqal mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-bran aktar qabel kwotat, huwa obbligu tal-parti *<u>“illi ssegwi ad unguem r-regoli procedurali”</u>* statutorji, u jekk is-socjeta’ rikorrenti naqset li taghmel dan, it-tort m’hu ta’ hadd hlief taghha. Meta l-Onorabbli Qorti tal-Appell cahdet l-appell imressaq mis-socjeta’ rikorrenti f’dan il-kaz, dan m’ghamlitux fuq il-motivazzjoni li dik is-socjeta’ messha ressqet il-lanjanzi taghha bi proceduri ohra differenti, (f’liema kaz, bir-rispett kollu dovut, dik l-Onorabbli Qorti kienet tkun zbaljata, ghax, kif intwera, il-vjolazzjoni tar-regola *‘audi alteram partem’* taghti lok ghas-sindikat tal-Qrati ordinarji), izda ghax fir-rikors tal-appell ma gewx segwiti certi regoli li dik l-Onorabbli Qorti qieset ta’ importanza kbira tant li jwasslu ghan-nullita’ tal-istess appell.**

**Minn naha l-ohra, hu ovvju li jekk is-socjeta’ rikorrenti qed tilmenta minn ksur tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jew tal-Konvenzjoni Ewropeja, dak il-ksur irid jitressaq bhala ilment quddiem din il-Qorti fil-kompetenza taghha kostituzzjonali, *pero’*, m’ghandhux jitressaq hekk l-ilment taghha, <u>meta rimedju ghal dak l-istess ilment jezisti taht il-ligi ordinarja u hu rimedju effettiv u tajjeb,</u> kif inhu il-kaz f’din il-kawza. Ma jirrizultax li n-nuqqas ta’ tehid ta’ rimedju ordinarju jew it-tehid**

**hazin tal-opportunita' li kellha s-socjeta' rikorrenti kien rizultat ta' imgieba ta' haddiehor, f'liema kaz din il-Qorti m'ghandix twarrab is-setghat taghha li tisma' l-ilment kostituzzjonali (ara "Vella vs Bannister", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Marzu, 1994). Kieku s-socjeta' rikorrenti uzufruwit kif suppost ir-rimedju moghti lilha, l-ilmenti taghha kienu jigu mistharga mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, u f'kaz ta' ezitu favorevoli ghaliha, dik l-Onorabbli Qorti tal-Appell kienet tkun tista' thassar is-sentenza tal-Bord tal-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bhala li kienet moghtija bi ksur tal-principji ta' gustizzja naturali. Li dan il-process ma sarx hu tort biss tas-socjeta' rikorrenti, u rimedju kostituzzjonali m'ghandux jitqies rimedju *in extremis* li wiehed jista' jirrikorri ghalih biex isewwi zball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel (ara "Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Gunju, 1999). Kif intwera, ir-rimedju kien jezisti taht il-ligi ordinarja, u kien rimedju adegwat u effettiv. In-nuqqas tas-socjeta' rikorrenti li taghmel uzu u tinqeda b'dan ir-rimedju kif suppost, huwa nuqqas taghha stess, u ma tistax issa titlob rimedju straordinarju meta n-nuqqas li tinghata rimedju effettiv kien minhabba n-nuqqas taghha li tiehu l-opportunita' li tipprovdi l-ligi ordinarja tal-pajjiz.**

**Din il-Qorti mhux qed tghid li s-socjeta' rikorrenti ghandha ragunijiet validi ghal-lanjanzi taghha, izda qed tghid li l-ligi ordinarja kienet tipprovdi metodu ordinarju u effettiv kif dawk il-lanjanzi setghu gew mistharga minn Qorti indipendenti u imparzjali, u li dan ma sarx, f'dan il-kaz, huwa tort tas-socjeta' rikorrenti. *Kwindi*, hi ma tistax issa tipprova tiehu b'dawn il-proceduri dak li ma hadetx konsegwenza tan-nuqqasijiet taghha.**

**L-ewwel eccezzjoni tal-Kummisarju intimat timmerita, ghalhekk, li tigi milqugha.**

**Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat, u peress li tqies li s-socjeta' rikorrenti kellha rimedju alternattiv u effettiv *a* dispozizzjoni taghha, tiddeciedi li tastjeni milli tezercita l-mansjonijiet taghha taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u b'hekk tillibera lill-intimat mill-osservanza tal-gudizzju.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu kollha mis-socjeta' rikorrenti.**

6. Bhala fatt mhux kontestat jirrizulta li meta s-socjeta` appellat quddiem il-Qorti ta' l-Appell mid-decizjoni tal-Bord u bhala motivazzjoni ghal dak l-appell indikat, *inter alia*, li hija ma kienitx inghatat *"l-istess trattament bhad-Dipartiment tal-VAT"* fil-proceduri quddiem l-imsemmi Bord, l-appell gie dikjarat irritu u null <u>mill-Qorti ta' l-Appell</u> peress li kien jiddifetta kontra l-Artikolu 142(2) tal-Kap. 12, u cioe` ma kienx fih talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza appellata jew ta' xi parti minnha (ara l-kopja tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ezibita a fol. 28 tal-atti).
7. Is-socjeta` appellanti, fir-rikors ta' appell taghha (tat-22 ta' Ottubru, 2004) mis-sentenza tal-Prim Awla tal-14 ta' Ottubru, 2004, tadduci zewg aggravji kontra l-imsemmija sentenza. Wara li tipprefiggi – u ghalhekk tammetti bhala fatt – illi *"l-fatti fil-qosor huma li s-socjeta` rikorrenti riedet tappella mid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell izda, minhabba zball procedurali ta' l-avukat li kien qed jassistiha, ir-rikors ta' appell gie ritenut irritu u null"*, hija tispjega f'hiex jikkonsistu l-ilmenti taghha: (**i**) L-ewwel ilment hu fis-sens li l-ewwel Qorti malament ekwiparat in-nuqqas procedurali tal-konsulent legali taghha ma' nuqqas taghha – *"Ghalkemm hu minnu,"* tghid is-socjeta` appellanti, *"li fir-rikors ta' l-appell ma gewx segwiti certi regoli li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell qieset tant importanti li wassluha biex tiddikjara n-nullita` ta' l-istess appell, is-socjeta` rikorrenti ma taqbilx ma' l-attribuzzjoni ta' tali nuqqas ta' l-avukat, lilha. Dan imur kontra l-principju ta'* ***proportionality*** *enuncjat fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u jikkostitwixxi dak li jissejjah fil-gurisprudenza ta' Strasbourg* ***a disproportionate***

***measure** u b’hekk jilledi d-drittijiet fondamentali tas-socjeta` rikorrenti.”* It-tieni aggravju tas-socjeta` appellanti (**ii**) huwa pedissekwu ghall-ewwel wiehed, u hu *“Illi tenut kont ta’ dawn il-pronunzjamenti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, interpretazzjoni daqstant rigida, paragunata mal-konsegwenza li r-rikorrent jitlef id-dritt ta’ access ghal qorti, li hu parti integrali mid-dritt ghal smigh xieraq, hija eccessivament gravuza fuq id-drittijiet fondamentali tieghu ghal access ghal qorti, ghal smigh xieraq u ghal rimedju effettiv. Illi s-socjeta` rikorrenti thoss illi tali konkluzzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Onorabbli Qorti tmur kontra l-principju ta’* ***proportionality*** *enuncjat fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tikkostitwixxi dak li jissejjah fil-gurisprudenza ta’ Strasbourg* ***a disproportionate hindrance*** *u b’hekk tilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent.”* Dawn huma, bazikament, l-aggravji tas-socjeta` kontra s-sentenza appellata tal-14 ta’ Ottubru, 2004.

8. Issa, biex is-socjeta` tirnexxi <u>f’dana l-appell</u> – cioe` l-appell mis-sentenza tal-14 ta’ Ottubru, 2004 – hija trid tissodisfa lil din il-Qorti li, kuntrarjament ghal dak li rriteniet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, hija ma kelliex disponibbli favuriha taht xi ligi (ordinarja) ohra mezz xieraq ta’ rimedju kontra l-ilment taghha li ma kienitx inghatat smigh xieraq <u>quddiem il-Bord</u>. Dan hu, jew suppost hu, il-qofol ta’ l-appell. Evidentement l-aggravji tas-socjeta` appellanti b’ebda mod ma jindirizzaw dana l-punt. Is-socjeta` appellanti sostniet li taf b’gurisprudenza tal-Qorti ta’ Strasbourg li rriteniet li l-izbalji ta’ l-avukati ma jistghux jitqiesu bhala nuqqasijiet tal-parti. Din il-Qorti, fl-udjenza tal-15 ta’ Dicembru, 2004 tat lis-socjeta` appellanti zmien sal-ahhar ta’ Dicembru biex tippresenta nota li tindika sentenzi f’dan ir-rigward, u sal-lum tali nota ma gietx presentata. L-aggravji tas-socjeta` appellanti kif migjuba fir-rikors ta’ appell tat-22 ta’ Ottubru, 2004 jindirizzaw mhux il-kwistjoni tal-ezistenza o meno ta’ mezz xieraq ta’ rimedju, izda jekk id-disposizzjoni tal-ligi li tghid kif trid tkun it-talba f’rikors ta’ appell u/jew l-interpretazzjoni ta’ dik id-disposizzjoni <u>mill-Qorti ta’ l-Appell</u> kienitx wahda korretta u/jew konformi mar-rekwiziti tal-proporzjonalita` ghall-fini tad-dritt ta’ access ghal qorti. B’hekk jigi li s-socjeta` appellanti qed tisposta kompletament il-kawza

minn wahda ta’ ezami ta’ dak li gara quddiem il-Bord ghal wahda ta’ ezami ta’ disposizzjoni tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jew, addirittura, ezami ta’ l-operat tal-Qorti ta’ l-Appell – spostament, dan, li evidentement ma jistax isir.

9. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, is-socjeta` appellanti kellha mezz xieraq ta’ rimedju ghal-lanjanza taghha ta’ nuqqas ta’ smigh xieraq quddiem il-Bord, konsistenti dan il-mezz fl-appell quddiem il-Qorti ta’ l-Appell. Is-socjeta` appellanti tammetti li sar *“…zball proceduralі [da parti] ta’ l-avukat li kien qed jassistiha…”* izda tippretendi li dana l-izball ma kellu jkollu ebda konsegwenzi ghaliha. Proposizzjoni bhal din hi inaccettabbli. Il-mezz kien jezisti – l-appell quddiem il-Qorti ta’ l-Appell – u certament ma kienx l-iStat li b’xi mod cahhad lis-socjeta` milli tappella, izda l-avukat taghha li ghazel li ma jikkonformax ruhu mad-disposizzjoni tal-Artikolu 142(2) tal-Kap. 12 – disposizzjoni li minn dejjem giet ritenuta bhala fondamentali f’rikors ta’ appell proprju ghax tirradika l-bazi ta’ l-appell kollu fil-konfront tas-sentenza appellata.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata tal-14 ta’ Ottubru, 2004. L-ispejjez ta’ dana l-appell ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------